



Rapport Annwali
2011



BERS
Bord Ewropew għar-Riskji Sistemiċi
Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja

Rapport Annwali
2011



BERS
Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku
Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja

Werrej

Kelmtejn qabel.....	4
Sommarju eżekuttiv.....	5

Kelmtejn qabel



Mario Draghi
President tal-Bord Ewropew dwar
ir-Riskju Sistemiku

Hu ta' sodisfazzjon għaliya nippreżenta l-ewwel Rapport Annwali tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS) li twaqqaf f'Diċembru 2010 bħala korp indipendenti tal-Unjoni Ewropea (UE) responsabbli għas-sorveljanza makroprudenzjali tas-sistema finanzjarja tagħha.

F'din l-ewwel sena tiegħu, il-BERS sab quddiem wiċċu ambjent ekonomiku u finanzjarju li pprovda sfida liema bħalha. Biex ikun jista' jeħodha mal-firxa ta' riskji sistemiċi li dan għab miegħu, il-BERS kellu jibda jaħdem mingħajr dewmien. Jean-Claude Trichet kien fit-tmun għall-biċċa l-kbira tal-ewwel sena ta' dan il-bord, u jien nixtieq innefihilu l-kappell għal dan.

Mill-bidu tal-2011 il-BERS beda jeżamina regolarment ir-riskji sistemiċi għas-sistema finanzjarja tal-UE. Waħda mill-kwistjonijiet ewlenin li ġew diskussi kienet l-interazzjoni bejn l-affidabbiltà tal-kreditu tal-istati Ewropej, id-diffikultà li bdew isibu l-banek biex jiksibu finanzjamenti u d-dgħufija tat-tkabbir ekonomiku. Barra minn hekk, il-BERS adotta tliet rakkomandazzjonijiet pubbliċi dwar: i) is-self f' munita barranija; ii) il-finanzjament denominat f'dollari Amerikani tal-istituzzjonijiet ta' kreditu; u iii) il-mandat makroprudenzjali tal-awtoritajiet nazzjonali. Bħalissa, l-bord qiegħed jaħdem biex iwaqqaf il-mekkaniżmu ta' segwitu rilevanti, f'konformità mal-istrategġija "act or explain" (aġixxi jew spjega). Fl-aħħar nett, matul is-sena, bħala sehem tal-ħidma tiegħu biex jiżviluppa l-bażi ta' politika makroprudenzjali fl-UE, il-BERS eżamina mill-ġdid l-aspetti makroprudenzjali tal-leġiżlazzjoni tal-UE li qiegħda tinġema – b'mod partikolari dwar ir-rekwiżiti ta' kapital tal-banek u dwar l-infrastruttura tas-swieq – u fisser it-tħassib tiegħu dwar it-tneħħidiet għall-istabbiltà makroprudenzjali mal-korpi leġiżlattivi tal-UE.

Dan ir-rapport tnejja skont l-Artikolu 19 tar-Regolament tal-BERS¹, li jgħid li "Mill-anqas darba fis-sena u aktar spiss fil-każ ta' inkwiet finanzjarju mifruq, il-President tal-BERS għandu jiġi mistieden għal smiġħ annwali fil-Parlament Ewropew, fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni tar-rapport annwali tal-BERS lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill". Se jkollu l-privileġġ nippreżenta dan l-ewwel Rapport Annwali lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetari tal-Parlament Ewropew f'seduta pubblika ta' smiġħ li għandha ssir fil-31 ta' Mejju 2012.

Frankfurt am Main, Mejju 2012

Mario Draghi
President tal-BERS

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku.

Sommarju eżekuttiv

Dan huwa l-ewwel Rapport Annwali tal-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku (BERS). Ir-rapport tħejja skont ir-Regolament tal-BERS² u hu mibni kif ġej: Taqsima 1 tagħti ħarsa lejn ir-rwol u l-funzjonament tal-BERS; Taqsima 2 tagħti ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet tal-BERS sa mit-twaqqif tiegħu f'Diċembru 2010; u Taqsima 3 tiġbor fiha l-kwistjonijiet eżaminati mill-BERS matul il-perjodu tal-analiżi.

It-Taqsima 1 tibda b'ħarsa ġenerali lejn il-passi ewlenin li wasslu għat-twaqqif tal-BERS, sa ma daħal fis-seħħ ir-Regolament tal-BERS f'Diċembru 2010. Tkompli billi tiddekrivi d-dmirijiet ewlenin tal-BERS bħala korpi indipendenti tal-Unjoni Ewropea li huwa responsabbli għas-sorveljanza makroprudenzjali tas-sistema finanzjarja tal-UE. Fost dawn id-dmirijiet hemm it-twettiq tal-analiżi tar-riskji, il-ħruġ ta' twissijiet u rakkomandazzjonijiet (kemm pubbliċi kif ukoll kunfidenzjali) u l-monitoraġġ tal-konformità ma' dawn tal-aħħar. Fl-aħħar nett, din it-Taqsima tfisser kif jinqasam il-qafas istituzzjonali tal-BERS, li hu magħmul mill-Bord Ġenerali, il-Kumitat tat-Tmexxija, il-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv (KXX) u l-Kumitat Tekniku Konsultattiv (KTK). Il-qafas istituzzjonali ġie implimentat f'qasir żmien wara li ttieġdu għadd ta' deċizzjonijiet fil-bidu tal-2011.

It-Taqsima 2 l-ewwel tagħti ħarsa lejn il-ħidma tal-BERS fejn tidħol l-identifikazzjoni u l-valutazzjoni tar-riskji għas-sistema finanzjarja tal-UE. Għal dan il-għan, il-Bord Ġenerali jiddiskuti regolarment dwar ir-riskji sistemiċi u jeżamina fil-fond il-vulnerabbiltajiet tas-sistema finanzjarja, b'kontribuzzjonijiet regolari min-naħa tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), it-tliet Awtoritajiet Superviżorji Ewropej (ASE), il-Kummissjoni Ewropea, il-KXX u l-KTK. Fl-2011 il-BERS ittratta r-riskji marbuta man-natura sistemika tal-kriżi, kif ukoll riskji aktar speċifiċi li, f'għadd ta' każijiet, wasslu għall-ħruġ ta' twissijiet jew rakkomandazzjonijiet. It-tieni, it-Taqsima tagħti ħarsa lejn il-kontribut tal-BERS fl-2011 għat-twaqqif ta' oqfsa makroprudenzjali solidi kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell nazzjonali. Ġew identifikati sett ta' prinċipji ta' gwida li għandhom jagħtu sura lill-mandati tal-awtoritajiet makroprudenzjali nazzjonali, u ngħataw fehmiet dwar aspetti makroprudenzjali ta' siltiet magħżula ta' abbozzi ta' leġiżlazzjoni tal-UE b'implikazzjonijiet importanti, fejn jidħol l-ambitu tal-intervent, għas-sorveljanza makroprudenzjali fil-ġejjieni. Fost dawn, b'mod partikolari, kien hemm l-abbozz ta' direttiva u regolament dwar ir-rekwiżiti tal-kapital għall-istituzzjonijiet ta' kreditu (CRD/CRR) u l-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar derivattivi *over-the-counter* (OTC), kontropartijiet ċentrali u repożitorji tan-negozju (EMIR). Fil-messaġġi dwar il-politika tiegħu, il-BERS saħħaq fuq l-importanza li jiġi żgurat li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkollhom biżżejjed ambitu u flessibbiltà biex ikunu jistgħu jitrattaw ir-riskji sistemiċi. Aspett partikolari tad-direttiva/regolament CRD/CRR li tqies mill-BERS kien l-introduzzjoni tal-ilqugħ (*buffer*) kontroċikliku tal-kapital skont il-ftehim Basel III. It-tielet, din it-Taqsima tagħti tagħrif dwar il-ħidma tal-BERS fejn jidhru t-twettiq ta' analiżi fundamentali għas-sorveljanza makroprudenzjali u l-iżvilupp ta' għodod analitiċi, bil-għan li jinkiseb tagħrif fejn m'hemmx dwar kwistjonijiet li jistgħu jkollhom x'jaqsmu maż-żieda fir-riskji sistemiċi (eż. is-settur *tax-shadow banking* u d-dehra ta' parteċipanti sistemiċi ġodda u r-rabtiet ta' bejniethom).

² Ara l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 1092/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar is-sorveljanza makroprudenzjali tal-Unjoni Ewropea tas-sistema finanzjarja u li jistabbilixxi Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku, li jgħid li "Mill-anqas darba fis-sena u aktar spiss fil-każ ta' inkwiet finanzjarju mifrux, il-President tal-BERS għandu jiġi mistieden għal smiġh annwali fil-Parlament Ewropew, fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni tar-rapport annwali tal-BERS lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill".

Fl-aħħar nett, sabiex il-pubbliku jifhem aħjar x'inhi s-sorveljanza makroprudenzjali, Taqsima 3 tfisser b'mod xejn tekniku xi kwistjonijiet li l-BERS ħadem fuqhom fl-2011. Fost dawn insibu: il-mandat makroprudenzjali tal-awtoritajiet nazzjonali; is-self f'munita barranija; il-finanzjament denominat f'dollari Amerikani; u l-“bejgħ bil-massa” ta' prodotti finanzjarji komplikati, i.e. il-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti finanzjarji komplikati, bħal prodotti strutturati u xi prodotti komplikati negozjati bil-kambju lil investituri żgħar minn istituzzjonijiet finanzjarji.

Għal dak li hu l-mandat makroprudenzjali tal-awtoritajiet nazzjonali, il-ħidma tal-BERS wasslet biex tiġi adottata rakkomandazzjoni pubblika b'sett ta' "prinċipji ta' gwida" biex tgħin fl-iżvilupp tal-mandati makroprudenzjali nazzjonali. Dwar is-self f'munita barranija, il-BERS wasal għall-konklużjoni li livelli għoljin ta' self f'munita barranija jista' jkollhom konsegwenzi sistemiċi għall-pajjiżi konċernati, li jistgħu jinxterdu lil hinn mill-fruntieri. Għalhekk il-BERS ħa d-deċiżjoni li joħroġ rakkomandazzjoni pubblika biex l-awtoritajiet rilevanti jieħdu l-provvedimenti meħtieġa. Fil-każ tal-finanzjament denominat f'dollari Amerikani, il-BERS qies li kellha tittieħed azzjoni biex ma jerġax ikun hemm fi żmien medju t-tensjonijiet fil-finanzjament denominat f'dollari Amerikani lil banek fl-UE li ġew osservati waqt il-kriżi u ħareġ rakkomandazzjonijiet għal azzjoni min-naħa tal-awtoritajiet rilevanti. Dwar il-“bejgħ bil-massa” ta' prodotti finanzjarji komplikati, il-BERS ikkonkluda li kienet tinħtieġ aktar ħidma b'mod partikolari għal dak li għandu x'jaqsam mar-riskju li l-bejgħ bil-massa seta' jixxotta bħala sors ta' finanzjament għal banek speċifiċi. Din il-kwistjoni qiegħda tiġi eżaminata aktar mill-qrib minn grupp ta' esperti dwar il-finanzjament bankarju li twaqqaf m'ilux.

© Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku

Indirizz

Kaiserstrasse 29
60311 Frankfurt am Main
Germany

Telefown

+49 69 1344 0

Websajt

<http://www.esrb.europa.eu>

Fax

+49 69 1344 6000

Id-drittijiet kollha huma riservati.

Ir-riproduzzjoni għal għanijiet edukattivi u mhux kummerċjali hija permessa diment li s-sors jiġi rikonoxxut.

Id-data ta' għeluq għad-dejta inkluża f'dan ir-rapport kienet il-15 ta' April 2012.

Din hija traduzzjoni għall-Malti tal-Werrej u tas-Sommarju Eżekuttiv tar-Rapport Annwali tal-BERS 2011. Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ara l-edizzjoni komprensiva bil-lingwa Ingliża tar-Rapport disponibbli fuq www.esrb.europa.eu.

ISSN 1977-5601 (online)

